MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1209/2002

**Joseph u Beatrice konjugi GALEA u Joseph u Leah Susanne konjugi ATTARD.**

**-vs-**

**Direttur Generali tax-Xogholijiet, Direttur tad-Dipartiment tad-Drenagg,**
**Direttur Generali ghas-Servizzi Agrikoli u Zvillupp Rurali u Direttur ta' l-Agrikoltura.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fid-29 t' Ottubru, 2002, li fiha l-atturi ippremettew:

Illi huma ghandhom fil-pussess taghhom ghelieqi kif wkoll serer fuq uhud mill-istess ghelieqi u dan fl-inhawi maghrufa bhala tal-Qammiegh limiti tal-Mellieha;

Illi minn xi snin ilu giet innutata hsara fis-sistema tad-drenagg li tghaddi mill-inhawi, liema hsara ppersistiet u li minhabba fiha safa kkontaminat l-ilma li jittella' mill-ispieri msemmija bir-rizultat illi l-prodotti ta' l-atturi, kemm fl-ghelieqi kif wkoll fis-serer, iddeterjoraw u ma' baqghux jikbru b' mod normali;

Illi l-ilma uzat sabiex jissaqqew il-prodotti gie certifikat mill-Ispetturi tas-Sanita' bhala mhux tajjeb sabiex jissaqqew il-prodotti ta' l-atturi ghaliex ikun ta' periklu ghas-sahha tal-bniedem;

Illi wara ftit xhur is-sitwazzjoni tant aggravat illi l-pompi ta' l-ilma ma baqghux itellghu ilma mill-ispieri, izda biss hama;

Illi konsegwenza tas-suespost, l-atturi kellhom iwaqqfu l-produzzjoni agrikola taghhom u ghadhom sa llum il-gurnata ma' jistghux jergghu lura ghall-produzzjoni normali taghhom;

Illi l-konvenuti jew min minnhom recentement ghamlu xi xogholijiet fuq is-sistema tad-drenagg, izda xorta wahda l-ilma li qed jigi mtella' mill-ispieri ghadu jinten u ma' jistax jintuza jekk mhux b' eriklu ghas-sahha tal-bniedem;

Illi l-hsara fis-sistema tad-dreneagg u l-konsegwenti kontaminazzjoni u nuqqas ta' ilma fl-ispieri ta' l-atturi sehhet minhabba neligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom li kienu obbligati li jiehdu dawk il-prekawzjonijiet neccessarji sabiex din il-hsara ma sehhx u wkoll kienu obbligati li jipprovdu soluzzjoni fl-aqsar zmien possibbli sabiex din il-hsara tissewwa, izda naqsu li jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex l-ilma li fuqu tiddependi l-produzzjoni ta' l-atturi ma jkomplix jigi kontaminat;

Illi b’ konsegwenza ta’ l-agir, jew nuqqas, da parti tal-konvenuti jew min minnhom l-atturi sofrew u ghadhom qed isofru danni konsiderevoli;

Illi l-konvenuti, interpellati anke’ ufficcjalment permezz ta’ protest datat 6 t’ Awissu, 2002 u ittra ufficcjali datata 8 t’ Ottubru, 2002 sabiex jghaddu
ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kollha sofferti mill-atturi u sabiex jaghmlu x-xogholijiet necessarji ta’ natura permanenti sabiex tigi evitata hsara ulterjuri baqghu inadempjenti;

Talbu ghalhekk illi din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikkjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi b’ rizultat tal-hsara fis-sistema tad-drenagg u konsegwenti kontaminazzjoni ta’ l-ispieri kif fuq premess;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, d-danni sofferti mill-atturi kawza tal-kontaminazzjoni ta’ ilma msemmija;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata;

4. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju u taht is-supervizjoni ta’ periti nominandi, jaghmlu dawk ix-xogholijiet riparatorji ta’ natura permanenti sabiex ma jibqax jigi kkontaminat l-ilma fl-ispieri li jinsabu gewwa l-ghelieqi ta’ l-atturi;

5. Tawtorizza lill-atturi sabiex, fin-nuqqas tal-konvenuti u a spejjez ta’ l-istess konvenuti, jew min minnhom, jaghmlu huma x-xogholijiet necessarji u dan taht is-supervizjoni ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tas-6 t' Awissu, 2002 u l-ittra ufficcjali tat-8 t' Ottubru, 2002, u bl-imghax, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni. Bir-riserva ghal kull azzjoni fil-Ligi.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur Generali ghas-Servizzi Agrikoli u Zvillup Rurali u tad-Direttur ta' l-Agrikoltura illi biha eccipew illi:

1. Preliminarjament in-nullita' tan-notifika tac-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh stante li ma' giex ukoll innotifikat bihom l-Avukat Generali;

2. Illi mkien mic-citazzjoni jew mid-dikjarazzjoni li takkumpanja l-istess ma' jirrizulta illi hemm xi allegat li ghalih jistghu jirrispondu l-esponenti, jew xi talba li tista' tintlaqa fil-konfront taghhom u ghalhekk huma gew iccitati inutilment u ghadhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-atturi;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost d-dipartiment responsabbli diga hallas lill-atturi ghal hsarat minnhom sofferti minhabba hsarat fis-sistema, liema danni ma ghandhomx illum jissussistu, izda l-atturi ma accettawx is-somma lilhom imhallsa ghax ippretendew kumpens ghal danni li qatt ma sofrew;

4. Salv l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tal-konvenuti Direttur Generali ghas-Servizzi Agrikoli u Zvillup Rurali u tad-Direttur ta' l-Agrikoltura;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur Generali ghax-Xogholijiet u d-Direttur tad-Dipartiment tad-Drenagg illi fiha eccipew:

1. Illi nhasset il-htiega li jsir *‘upgrading’* tas-sistema tad-drenagg fil-post maghruf bhala Il-Qammiegh, limiti tal-Mellieha, f’ Jannar tas-sena 2002, u mhux minhabba hsara fis-sistema tad-drenagg li skond kif qeghdin jallegaw l-atturi ilha tezisti minn xi snin ilu;

2. Illi konsegwentement nbdew il-proceduri sabiex jitwettaq dan ix-xoghol ta’ *‘upgrading’* tas-sistema tad-drenagg, da parti tad-Dipartiment tad-Drenagg, liema xogholijiet tlestew fl-ewwel gimgha ta’ Gunju, 2002;

3. Illi waqt li kien qieghed jitwettaq dan ix-xoghol ta’ *‘upgrading’* tas-sistema, rrizulta li kien hemm deterjorazzjoni fil-kundizzjoni tal-main, bil-konsegwenza li gew kontaminati xi spejjer;

4. Illi in vista tas-suespost, id-Dipartiment kompetenti u cioe’ dak ta’ l-Agrikoltura, ghamel stima tad-danni kkagunati, fuq liema stima id-Dipartiment tad-Drenagg hareg zewg pagament lill-atturi u cioe’ wiehed ta’ Lm1922.5 u l-iehor ta’ Lm997;

5. Illi mill-kampjuni kollha mehuda regolarment fl-inhawi tal-Qammiegh mid-Dipartiment tad-Drenagg, wara li tlestew l-imsemmija xogholijiet sallum, baqa’ jirrizulta konsistentement illi l-ammont ta’ *‘faecal coliforms’* li normalment ikun prezenti kemm fid-

drenagg, kif wkoll fil-fertilizzant naturali uzat mill-bdiewa, u li hemm prezenti fl-ilma ta’ dawn l-ispejjer mhuwiex tali li jikkonstitwixxi kontaminazzjoni ta’ l-ilma li jeskludih mill-uzu ghat-tisqija;

6. Illi r-riha li tissemma mill-atturi ma jfissirx li hemm presenza tad-drenagg fl-ilma u dana kif jirrizulta mill-kampjuni mehuda mid-Dipartiment esponenti, u dana wkoll peress li l-presenza ta’ riha fl-ilma li mhux trattat hi komuni;

7. Illi ttiehdu l-azzjonijiet kollha mehtiega li kien hemm bzonn fic-cirkustanzi sabiex tinbidel u titkabbar is-sistema tal-mains tad-drenagg;

8. Ghaldaqstant kwantu diretta kontra l-esponenti, kwalunkwe’ talba ulterjuri da parti ta’ l-atturi hija nforndata fil-fatt u fid-dritt, kif wkoll f’ dan l-istadju frivola u vessatorja, kif wer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

9. Salv l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tal-konvenuti Direttur Generali ghax-Xogholijiet u d-Direttur tad-Dipartiment tad-Drenagg;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Gunju, 2003 li permez tieghu l-kawza giet differita ghal llum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali ghas-Servizzi Agrikolu u Zvillup Rurali u tad-Direttur

ta’ l-Agrikolutra fis-sens li c-citazzjoni hija nulla ghaliex l-Avukat Generali ma’ giex notifikat bic-catzzjoni u l-avviz tas-smiegh.

Hu evidenti li din l-eccezzjoni hija bbazata fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 181 (3) tal-Kap 12 tal-Procedura Civili u cioe’ illi:

***“Kull rikors, citazzjoni, jew att gudizzjarju iehor maghmul kontra l-Gvern ghandu jigi notifikat lil kull kap ta’ dipartiment tal-Gvern li kontra tieghu ikun dirett u lill-Avukat Generali u kull terminu biex issir risposta jew nota ta’ l-eccezzjonijiet dwar att bhal dak***

***minn kull kap ta' dipartiment tal-Gvern li jkun konvenut jew intimat fi proceduri gudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma' l-att jigi notifikat lill-kap jew kapijiet tad-dipartimenti tal-Gvern li kontra taghhom ikun dirett u lill-Avukat Generali. In-notifika lill-Avukat Generali ssir bla hlas lir-registratur."***

Fil-fatt jidher illi anke meta gew prezentati l-eccezzjonijiet in kwistjoni fit-3 ta' Jannar, 2003, l-Avukat Generali kien ghadu ma' giex notifikat bic-citazzjoni. Jirrizulta pero' li hu gie notifikat fid-9 ta' Jannar, 2003 evidentement wara li l-atturi hadu hsieb jinnotifikaw in vista ta' l-eccezzjonijiet.

Hu car li l-***'mens legis'*** ta' l-imsemmi Art 181 (3) hu biex tigi mwarrba kemm jista' jkun il-possibilita' li Dipartiment tal-Gvern ikun kontumaci minhabba nuqqas ta komunikazzjoni mid-Dipartiment ma' l- Avukat Generali.

Fil-kaz in kwistjoni dan ma garax u f' kull kaz is-sitwazzjoni giet sanata bin-notifika li saret wara.

Ghalhekk hu car li ma saret ebda hsara lill-konvenuti minhabba dan.

In vista tal-premess ghalhekk il-Qorti **tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti id-Direttur Generali ghas-Servizzi Agrikoli u Zvillup Rurali**, izda stante li n-notifika saret wara, li l-atturi gew notifikati bl-eccezzjonijiet, **tordna li l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati mill-atturi**.

**Tordna** li l-kawza titkompla bis-smiegh taghha.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------